# Animazzjoni tal-Quddies tal-Hadd

It-XIII Ħadd Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tlettax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Hadd tistedinna sabiex inkunu xbieha ta' Alla.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Għerf 1, 13-15; 2, 23-24)

Kien minħabba l-għira tax-xitan li l-mewt daħlet fid-dinja.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 29 (30), 2.4.5-6.11.12a.13b)

Ngħollik, Mulej, għax erfajtni

**It-Tieni Qari** (2 Kor 8, 7.9.13-15)

L-appostlu San Pawl jgħidilna li l-bniedem għandu jfittex li jagħmel il-karita mal-proxxmu tiegħu.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 5, 21-43)

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesu iwettaq il-mirakli ma' dawk li fettxew il-ħniena tiegħu. Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Il-mixja wara Alla hija offerta kontinwa. Ejjew f'dan il-mument noffru dak kollu li għaddejna minnu f'ħidmietna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija tagħmilna wlied maħbuba tal-Missier u tgħaqqadna miegħU. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.